# MIN KIENU L-PROTAGONISTI TA' META NBIDLET L-ISTATWA TITOLARI U DAWK LI ŻEJNUHA TUL IS-SNIN

*minn Joseph BORG*



It-8 ta' Awwissu ta' din is-sena jaħbat il-50 anniversarju ta' meta kienet **'inbidlet'** l-istatwa titolari ta' Santa Marija tagħna. L-inawgurazzjoni ta' meta kienet seħħet dik il-ġrajja u dak kollu marbut magħha, ħafna minnha għadhom jiftakruh - appuntu **l-Ħadd 8 ta' Awwissu 1948**. Nixtieqway hawn infakkru dan l-avveniment billi naraw min kienu dawk in-nies li kellhom l-aktar x'jaqsmu sabiex l-istatwa oriġinali li kellna ta' Salvu Dimech 'inbidlet' f'dik ta' Ċensu Apap. Dan nagħmluh l-ewwelnett għal ġieħ ta' l-istorja tal-knisja tagħna u t-tieni għax l-istatwa titolari hija żgur, bħalma hi għall-parroċċi oħra, ferm importanti u għażiża għalina l-Mostin u għalhekk kull tagħrif dwarha huwa ta' min jgħożżu.

## SALVATORE DIMECH (1805 - 1887)

Mastru Salv Dimech, magħruf bħala *'Is-Sartx'*, kien l-iskultur Mosti li fl-1868 ħadem minn zokk ta' żebbuġa l-istatwa oriġinali ta' Santa Marija li kellna. Kien ħadimha l-Mosta stess f'remissa fit-triq li llum ġġib ismu. Barra x-xogħol kbir li kellha fil-mant, kienet maħduma fi stil li kien jispira f'min iħares lejha devozzjoni kbira. Salvu Dimech għamilha hekk għax aktarx li kien 'Nażżaren', jiġifieri kien jappartieni għal dak il-moviment ta' artisti li kienu jfittxu li fix-xogħlijiet tagħhom ta' natura reliġjuża kellha tispikka d-devozzjoni.

## VINCENT APAP (1909 - )



L-iskultur magħruf ta' żmienna Vincent Apap twieled il-Belt Valletta. Huwa studja l-Arti f'Malta taħt l-iskultur Antonio Micallef u f'Ruma taħt il-magħruf skultur Malti, Antonio Sciortino. Kien hu li biddel l-istatwa ta' Dimech f'dik li għandna llum, b'mod li jekk tneħħi barra l-pedistall, ftit baqa' minn kif kienet tidher qabel. L-istatwa ħadimha bejn l-1947 u l-1948 fid-dar tiegħu f'Tas-Sliema. L-abbozz kbir tagħha tal-ġibs, li wieħed għadu jista' jarah fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu`, kien għamlu l-Mosta stess fi Triq il-Kbira, f'remissa qrib fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. L-istatwa tista' tgħid li aktar hija ta' stil klassiku milli le u tidher fiha dik il-monumentalita` li wieħed jaraha f'ħafna mix-xogħlijiet ta' Apap. Tax-xogħol fuq l-istatwa tagħna, Vincent kien ħa Lm400.

## WILLIAM APAP (1918 - 1970)



Il-pittur Willie Apap kien jiġi ħu l-iskultur Vincent Apap u twieled il-Belt ukoll. Kien dixxiplu brillanti tal-pittur Edward Caruana Dingli u tħarreġ fir-*Regia Accademia* f'Ruma taħt il-magħruf Romolo Siverio. Kien hu li fl-1948, żebagħ l-istatwa ġdida ta' Santa Marija. Iżda ġara li l-isfumaturi koħol qawwija ta' taħt għajnejha li kien għamlilha Willie Apap, ma ntgħoġbux u wara xi snin, wiċċha kien reġa' pittirulha l-Kavalier Rafel Bonnici Cali`. Tax-xogħol tal-pittura fuq l-istatwa, Willie kien ħa Lm30.

## L-INDURATURI

L-istatwa kienu ħaduha għall-induratura l-Belt Valletta għand id-Ditta Coleiro ta' *Strada Cristoforo*. L-induraturi kienu Pawlu Xuereb miż-Żurrieq u Ġużeppi Mallia minn Ħaż-Żabbar. Tax-xogħol tagħhom, dawn iż-żewġ induraturi kienu ħadu Lm170.

## L-ARĊIPRIET DUN KARM SCIBERRAS (1893 - 1950)



L-idea fost il-Mostin li l-istatwa titolari titranġa jew inkella ssir waħda ġdida ħadet spinta 'l quddiem fi żmien il-parrokat ta' l-Arċipriet Mosti Dun Karm Sciberras (1943 - 1948). Kien fi żmienu li kien deċiż li l-vara kellha biss titranġa u dan għaliex li kieku kellha ssir waħda ġdida, xorta kien ikun hemm min irid il-qadima. Intant il-Mostin kienu wieġbu bi ħġarhom għas-sejħa tiegħu biex isir stellarju ġdid tad-deheb għall-vara l-'ġdida'. L-istellarju l-ġdid sar, iżda sfortunatament, l-Arċipriet Sciberras marad u ma kellux ix-xorti jpoġġih madwar ras Santa Marija hu. Fi żmien dan l-arċipriet, kienet nibtet ukoll l-idea ta' bankun ġdid u pedistall tal-fidda. Wara li minħabba l-mard kellu jirriżenja, kien ġie maħtur Monsinjur Onorarju tal-Kattidral.

## IT-TABIB FERDINAND CALLEJA (1905 - 1990)



It-Tabib Calleja jibqa' magħruf fostna bħala Mosti li kien iħobb tassew il-knisja tagħna. Ħabrek kemm felaħ, flimkien ma oħrajn, sabiex l-istatwa titolari ssir kif inhi llum. Ħabrek ma' l-iskultur Ċensu Apap biex f'inqas minn sena jirnexxilu jbiddel il-vara u meta ra li sal-festa tal-1948, l-anġli ma kienux se jkunu lesti, ra kif għamel biex l-anġli jiskolpihom l-iskultur Buħagiar fuq l-abbozzi li kien għamillu Apap. Buħagiar kien jiġi t-tifel tal-magħruf Ebanista, Manwel, u ħadem l-anġli b'suċċess u b'sodisfazzjon għal kulħadd għax irnexxielu jlestihom fil-ħin.

## IL-KANONKU DUN PAWL CALLEJA (1909 - 1995)



Minħabba li l-Arċipriet Sciberras marad, kien daħal minfloku bħala Viċi-Parroku, Dun Pawl Calleja. Kien dan il-qassis Mosti li kellu x-xorti li dakinhar ta' l-inawgurazzjoni tal-vara 'l-ġdida' jpoġġi madwar ras il-vara ta' l-Assunta, l-istellarju l-ġdid tad-deheb miġbur minn fost il-poplu Mosti. Ħafna għadhom jiftakru lil Dun Pawl tiela' ma' sellum forċi, f'tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku, biex jagħmel din iċ-ċerimonja kommoventi. Wara ħidma ta' snin twal ta' ħajja saċerdotali, Dun Pawl kien fl-aħħar ġie maħtur Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat fl-1979.

## MONSINJUR DUN ANTON BUĦAGIAR (1892 - 1976)



Dan il-Monsinjur, Mosti li fi żmienu kien ukoll Kappillan tal-Parroċċi ta' Ħal-Lija u tar-Rabat ta' Malta, dak inhar li żżanżnet l-istatwa, kien ġie mistieden sabiex iberikha. Kif fil-fatt għamel fuq iz-zuntier ftit qabel ma ddaħħlet fil-knisja. Fuq iz-zuntier kien hemm jilqgħuha l-kleru u l-poplu Mosti wara li kienet ġiet imniżżla trijonfalment minn Triq il-Kungress Ewkaristiku. Monsinjur Buħagiar kien imbagħad daħal fir-Rotunda u ta l-Barka Sagramentali.

## MONSINJUR DUN PAWL GALEA (1905 - 1982)

L-Arċipriet Galea, ta' Mosti li kien, lil Santa Marija kien iħobbha wisq. Fi żmienu għalhekk, sar il-bankun ferm sabiħ tagħha. Biex din l-opra seħħet, kien tħabat ukoll Dun Salv Magro, l-Prokuratur li kellha l-knisja dak iż-żmien. Il-bankun kien iżżanżan nhar l-ewwel



tat-Tridu Mqaddes, il-Ħadd 11 t'Awwissu 1957, u kien ġie mbierek mill-Arċipriet Galea nnifsu. Lil Santa Marija xtaq jagħmlilha pedistall tal-fidda wkoll u infatti beda jiġbor għalih, imma din l-opra kellha tisfratta minħabba li l-koppla ħtieġilha li tiġi miksija b'qoxra tar-ram. Wara snin twal bħala kappillan u arċipriet tal-parroċċi ta' Ħal-Għargħur, ta' Ħaż-Żebbuġ u tal-Mosta, l-Arċipriet Galea nħatar Monsinjur tal-Kattidral.

## IS-SURMAST CARMELO TONNA (1901 - 1973)



Is-Surmast Tonna mir-Rabat ta' Malta, kien skultur u disinjatur imsemmi. Kien jiġi iben Benjamin, skultur ieħor prim. Għall-vara ta' Santa Marija tagħna, kien iddisinja l-bankun artistiku li għandha. Kien iddisinja wkoll il-pedistall tal-fidda għaliha, iżda dan baqa' ma sarx. Il-bankun tal-ġewż amerikan li għandna kien inħadem il-Gżira fil-ħanut ta' l-Imgħallem Ġużeppi Tonna, mastrudaxxa gwapp, li kien jiġi ħu l-istess surmast. Mastru Tonna kien megħjun f'din il-biċċa xogħol mill-Imgħallem Mosti Ġanni Agius, li dak iż-żmien kien jaħdem miegħu. Bniedem ieħor tal-arti marbut mal-bankun ta' Santa Marija, huwa l-Professur u skultur Ruman, Carlo Pisi, li ħadem il-bronż tiegħu.

## MONSINJUR DUN BARTILMEW BEZZINA (1927 - )

Fl-1968 kien jaħbat l-ewwel ċentenarju minn meta kienet saret l-istatwa oriġinali tal-Assunta. B'tifkira ta' dik l-okkażjoni, l-Arċipriet Bezzina minn Ħal-Għargħur żejjen l-istatwa titolari tagħna b'sandli tad-deheb iddekorat bid-djamanti, liema xogħol kien ġie afdat f'idejn l-arġentier Ġużeppi Pirotta tan-Naxxar.



Dan l-arċipriet kien dam għal 21 sena sħaħ imexxi l-Paroċċa tagħna u żgur li jibqa' magħruf fostna bħala l-Arċipriet tal-Inkurunazzjoni. Fi żmienu wkoll u bħala tħejjija għall-Inkurunazzjoni, il-pedistall tal-vara kien reġa' ġie ndurat għand l-istess ditta, jiġifieri Coleiro tal-Belt Valletta, li kienet indurat l-istatwa meta nbidlet. Minn Arċipriet tagħna, imbagħad ġie maħtur Monsinjur tal-Kattidral u baqa' jgħix magħna l-Mostin.

## IL-KARDINAL CORRADO URSI



F'egħluq il-festi kbar tal-Inkurunazzjoni, kien ġie mistieden fostna, l-Kardinal Ursi, Arċisqof ta' Napli. Nhar il-15 t'Awwissu 1975 fil-għodu, wara Pontifikal mill-iżjed sollenni, dan il-Kardinal kien tela' fuq il-pulptu u filwaqt li l-istatwa tal-Assunta kienet ġiet merfugħa u mressqa fil-qrib, kien libbes ċurkett prezzjuż fis-saba ż-żgħir t'id ix-xellugija tal-vara. Fl-istess ħin, r-Rotunda mimlija bin-nies kienet dwiet bil-kant tas-*Salve Regina*. Dan il-Kardinal simpatiku kien ġibed l-ammirazzjoni tal-Mostin kollha, kemm meta ġie fir-raħal tagħna għall-festi tal-Kon-agrazzjoni tal-Knisja fl-1971 u kemm meta reġa' ġie għall-festi memorabbli tal-Inkurunazzjoni erba' snin wara.

## L-ARĊIPRIET DUN JOE CARABOTT (1936 - )

F'egħluq l-ewwel għaxar snin mill-Inkurunazzjoni, l-Arċipriet Carabott miż-Żejtun fakkar ukoll din il-ġrajja billi ħareġ midalja kommemorattiva bix-xbiha tal-Assunta Nkurunata. Kien indura wkoll il-vara mill-ġdid u f'dik l-okkażjoni kien żejjinha b'ċintorin tad-deheb iddekorat bid-djamanti. L-istatwa



kienet ġiet indurata b'sengħa mill-induratur Emanuel Darmanin fil-ħanut tiegħu fil-Belt Valletta. F'dik l-okkażjoni, il-vara ta' Santa Marija ndurata mill-ġdid kienet imniżżla trijonfalment fuq karru minn Vjal l-Indipendenza u Triq il-Kungress Ewkaristiku, nhar id-29 ta' Lulju 1985.

## IL-KAVALIER RAFEL BONNICI CALI` (1907 - )



Fl-okkażjoni ta' meta l-istatwa kienet reġgħet ġiet indurata fl-1985, ix-xogħol tal-pittura tagħha kien ġie fdat f'idejn il-pittur Bonnici Cali` ta' Ħal-Tarxien li żebagħha b'sengħa għas-sodisfazzjon tal-Mostin kollha. Fir-Rotunda nsibu ħafna xogħlijiet sbieħ li jfakkruna fil-ħila ta' dan l-artist twajjeb u umli li llum għandu fuq id-disgħin sena. Fost is-surmastrijiet li kien studja l-pittura taħthom, insemmu biss lill-famuż Giuseppe Cali` u 'l ibnu Ramiro.

## L-ISQOF MARIANO PRZYKUCKI (1924 - )

Wara l-Konċelebrazzjoni Sollenni ta' nhar Santa Marija tal-1985, l-E.T. Mons. Przykucki, Isqof ta' Chelmo fil-Polonja, kien tela' fuq skalapiża mħejjija appoста quddiem il-vara u minn fuqha kien libbes ċintorin prezzjuż fuq il-qadd tal-istatwa devota ta' Santa Marija għall-kant tal-Antifona u l-ferħ tan-nies preżenti li f'dik l-għodwa kienu fgaw ir-Rotunda tagħna.



## RIGAL MIS-SOĊJETA` FILARMONIKA NICOLO` ISOUARD

Barra minn dawn il-personaġġi li semmejna, ta' min ifakkar ukoll il-ġest sabiħ li kienet għamlet is-**Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard**. Din offriet bħala rigal tal-okkażjoni tal-1948 - sett ta' erba' fraċen tal-bronż ibbanjati bil-fidda lill-istess statwa 'ġdida'. Dawn kienu saru fuq id-disinn tal-iskultur magħruf Manwel Buħagiar mill-Birgu.

Wara ħafna snin, eżattament fl-1988, kien sar bankun sabiħ għal dawn il-fraċen. Dan sar fuq id-disinn tal-iskultur Rabti, Ġuże` Galea, u kien imżejjen bl-iskultura maħduma mill-iskultur Żurrieqi, Salvu Bugeja.

## EGĦLUQ

Dan hu fil-qosor dak li ġara 50 sena ilu meta nbidlet l-istatwa u x'għadda minn għaliha tul dan in-nofs seklu li għadda. Ma jfissirx li qabel ma nbidlet ma kienx hemm nies fostna li dejjem raw kif għamlu sabiex l-istatwa titolari tagħna tkun imżejna kif kien jixraq. Hawn biżżejjed insemmu dak li kien għamel l-eks-prokuratur tal-knisja tagħna, Dun Anġ Camilleri, meta fl-1908, bil-għajnuna li kienet tagħtu Marija Sammut, kien indura l-pedistall tal-vara, għamlilha dijadema tal-fidda, erba' gastri tal-metall bil-fjuretti tal-grantotill, girlanda u mazzettuni għall-anġli. Jidhirli li dak kollu li sar fl-isforz sabiex tissebbaħ l-istatwa tagħna ta' Santa Marija, kemm dak li semmejna kif ukoll dak li ma semmejniex, huwa kollu frott ta' dik l-imħabba li l-poplu Mosti kellu f'kull żmien lejn il-Patruna glorjuża tiegħu - l-Verġni Marija Assunta.

### *Riferenzi:*


1. *Malta bil Għżejer Taħħa* - P.P. Castagna, 1869, p. 110,111.
2. *Musta, Its Memories and Charms* - Rev. Edgar W. Salomone, 1911, p. 26.
3. *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* - Rob. Mifsud Bonnici, p. 8, 9, 45, 179.
4. *The National Museum of Fine Arts* - Peter Mayo - A Heritage Supplement, 1995, p. 82, 83, 85, 93.
5. *Storja tal-Mosta* miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn, p. 296.
6. Tifkira Għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri - (It-Tiżjin ta' l-Istatwa ta' Santa Marija li beda fl-1908).

7a. *Il-Mosta*, April-Mejju 1970, - Dun Pawl Calleja.
b. *Il-Mosta*, April-Mejju 1976, - Mons. Antonio Buħagiar - C.J. Schembri.
c. *Il-Mosta*, Ġunju-Lulju 1977, - Il-Kan. Anton Muscat u l-Opri li għamel fil-Festa tal-Ġimgħa l-Kbira.
d. *Il-Mosta*, Settembru-Ottubru 1990, - It-Tabib Ferdinand Calleja.

8. Ħajr ukoll ta' xi tagħrif li kont ksibt mingħand Dun Salv Magro, eks-prokuratur tar-Rotunda fi żmien ta' meta kienet inbidlet l-istatwa ta' Santa Marija.